# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 533/2016

Seduta tat-15 ta' Dicembru, 2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Donatella Concas**

Il-Qorti;

Wara r-rikors ta' appell ta' Donatella Concas tat-18 ta' Novembru, 2016 detentrici tal-passaport Taljan bin-numru F644032 u ta' karta tal-identita' Taljana bin-numru AK 5596571 ghar-**revoka ta' sentenza** tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti moghtija fl-14 ta' Novembru 2016 li biha ordnat iz-zamma taghha taht kustodja fi stennija ghat-treggiegh lura taghha lejn l-Italja;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti moghtija fl-14 ta' Novembru 2016 kontra u fil-presenza ta' Donatella

Concas, 40 sena, bint Saverio u Cecilia Concas, detentrici tal-passaport Taljan bin-numru F644032 u ta' karta tal-identita' Taljana bin-numru AK 5596571 li permezz taghha wara li kkonkludiet illi ma hemm ebda impediment legittimu ghaliex l-istess Concas Donatella ghandha ma tintbaghatx lejn l-Italja skont kif mitlub mill-Awtorita' Gudizzjarja Taljana fil-MAE [Mandat t'Arrest Ewropew] jew li jkun hemm dewmien fl-ispedizzjoni taghha lejn l-Italja in ezekuzzjoni tal-istess MAE, ordnat li l-istess Donatella Concas tinzamm taht kustodja sabiex tistenna li titregga lura lejn l-Italia u dan skond r-regolamenti 13(4) u 24 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 u dan suggett li l-estradizzjoni taghha ssir tkun soggetta dejjem ghal-*law of speciality* ossia in konnessjoni mar-reati addebitati lilha fil-MAE u msemmi fir-regolament 18 tal-Ordni [AL 320 tal-2004];

Rat illi fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti Rimandanti informat lill-Donatella Concas, l-estradanta appellanti, li hija mhix ser tkun mregga lura lejn l-Italia qabel ma jghaddu sebat ijiem mid-data tal-ordni ta' kustodja; li ghandha dritt li tinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u li jekk jidhirlha li xi wiehed mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Kapitolu 276 tal-ligijiet ta' Malta inkiser jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea tkun jew x'aktarx li tkun ser tinkiser, dwar il-persuna taghha hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-Qorti, hija ghandha jedd titlob rimedju skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea skond il-kaz;

Rat **ir-rikors tal-appell** ta' Donatella Concas, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Novembru, 2016 li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq indikata tal-14 ta' Novembru 2016 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura [*recte:* Qorti Rimandanti] billi tilliberaha u ma tezegwix l-Mandat ta' Arrest Ewropew;

Semghet lill-abbli difensur tal-appellanta l-Avukat Dottor Malcolm Mifsud u lill-abbli rapprezentant tal-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluz il-verbal tas-seduta tat-28 t'Ottubru 2016 quddiem il-Qorti Rimandanti fejn id-difiza iddikjarat illi ma hemmx impediment ghall-estradizzjoni imsemmija fl-artikolu 13(1) tal-Avviz Legali 320 tal-2004;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma essenzjalment li wara Allert fis-Sistema tal-Informazzjoni ta' Schengen u mandat t'arrest Ewropew mahrug mill-Prokuratur tar-Repubblika fil-Qorti ta' Venezia, l-appellanta tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti sabiex tkun mregga lura lejn l-Italja sabiex tiskonta piena ta' prigunerija ta' tlett snin, tmien xhur u tlettax-il gurnata wara sejbien ta' htija dwar diversi reati ta' partecipazzjoni fi kriminalita' organizzata bi skop t'uzura, estorsjoni u pussess illegali t'armi. Wara d-debitu process gudizzjarju skond il-Kapitolu 276 tal-ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 320 tal-2004, il-Qorti tal-Magistrati ddisponiet mit-talba tal-Prosekuzzjoni permezz ta' sentenza tal-14 ta' Novembru, 2016, illi ma kien hemm ebda impediment legittimu ghat-treggiegh lura tal-appellanta lejn l-Italja u konsegwentement ordnat li tinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggiegh taghha kif fuq spjegat;

2. Fl-appell taghha l-appellanta tressaq bhala gravami il-kundanna taghha *in absentia* fl-Italja, igifieri l-istess argument mressaq quddiem il-Qorti Rimandanti u dwar dan taghmel essenzjalment tlett osservazzjonijiet. Jekk dan huwa l-kaz, allura t-talba ghat-treggieh taghha lura lejn l-Italja tista' tippresta ostakolu fit-termini tar-regolament 23 tal-Avviz Legali 320 tal-2004, minn issa msejjah l-"Ordni".

3. Id-dibattitu quddiem l-ewwel Qorti, dik Rimandanti, kien dwar jekk il-process li sar quddiem il-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana, kienitx prezenti ghalih l-appellanta. Hi kkontendiet illi minkejja li kienet prezenti fil-prim'istanza quddiem it-Tribunale di Venezia u fit-tieni istanza quddiem il-Qorti tal-Appell, ma kienitx hekk prezenti fil-proceduri quddiem il-Qorti ta' Kassazzjoni u ghalhekk ghandu jitqies illi dik l-ahhar sentenza inghatat *in absentia* u li bhala konsegwenza ghandu jservi ta' impediment ghat-treggieh lura taghha lejn l-Italja;

4. Issa, l-appellanta tikkwerela *in primis* dak li ssejjahlu l-mod semplicistiku li bih l-Qorti Rimandanti interpretat u adoperat r-rekwiziti tal-ligi. Tghid in rigward illi ghalkemm ghandu jkun hemm fiducja reciproka bejn l-istati membri fl-adoperat tal-MAE, dan ma jfissirx li ghandu jkun hemm fiducja ceka li tissarraf f'applikazzjoni tal-ligi b'mod semplicistiku. Prezumibilment l-appellanta qed tirreferi ghad-decizzjoni tal-Qorti Rimandanti li tistrieh fuq il-kontenut tal-MAE. Dan l-argument izda jorbot mal-argumenti l-ohra tal-appellanta dwar li hija s-sentenza tal-Qorti ta' Kassazzjoni li ghandha titqies ghal-fini tat-treggieh taghha lura u li ghaliha ma kienitx prezenti;

5. Jidher ukoll illi l-appellanta taghmel dan l-argument dwar id-decizzjoni tal-Qorti Rimandanti li tqis illi hija s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Venezia li ghandha tkun konsiderata ghal-fini tal-MAE li ghaliha certament kienet prezenti u mhux dik tal-Qorti tal-Kassazzjoni li, skond l-appellanta inghatat *in absentia*. Issa sabiex dan l-argument jitqieghed fil-perspettiva tal-kwistjoni hawn devoluta, jehtieg li jkun rikapitolat l-*iter* processwali li minnu ghaddiet l-appellanta fl-Italja;

6. B'sentenza tal-Giudice dell'udienza preliminare del Tribunale di Venezia tas-7.12.12 l-appellanta kienet instabet hatja tar-reati li ghalihom kienet ikkundannata ghal-terminu ta' prigunerija ta' hames snin u erba xhur bl-interdizzjoni ghal-ghomor minn xi ufficcju pubbliku u liberata minn akkuzi ohra. Ghal din il-procedura l-appellanta kienet prezenti. Kienet ukoll prezenti ghall-appell minnha interpost quddiem l-

Ewwel Qorti tal-Appell tal-Assize ta' Venezia li fil-21 ta' Frar, 2014 rriduca din il-kundanna ghal-terminu ta' prigunerija ta' tlett snin, disa xhur u ghoxrin jum. Minn dik is-sentenza umbaghad sar appell fil-Qorti ta' Kassazzjoni fis-7 ta' Lulju 2014 iffirmat mill-avukat Antonio Gallo, l-istess avukat li assistiha fiz-zewg istanzi precedenti u dik il-Qorti cahdet l-appell b'sentenza tal-15 ta' Mejju 2015 (Dokument a fol 130 *et seq*).

7. Issa, matul il-proceduri quddiem il-Qorti Rimandanti, l-appellanta argumentat illi s-sentenza tal-Kassazzjoni li kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell inghatat *in absentia*, u ghalhekk is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ma tistax titqies bhala ezegwibbli; Il-Qorti Rimandanti ddecidiet hekk dwar dik il-kwistjoni:

***Meta l-Qorti hija mistiedna taht l-Artikolu 23(1) tal-Ordni biex tiddeciedi "jekk il-persuna kienitx instabet hatja quddiemha" hawnhekk il-Qorti trid tara liema kienet dik id-decizzjoni li tkun sawwret il-htija tal-persuna u li in bazi ta' liema sentenza tkun qed tintalab l-ezekuzzjoni bis-sahha tal-MAE. F'dan il-kaz il-Qorti jidhrilha li din is-sentenza mhix is-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni izda hija dik is-sentenza moghtija mill-Prima Corte D'Assise D'Appello di Venezia tal-21 ta' Frar 2014. Il-Qorti hija sodisfatta mill-provi prodotti li ghal dik il-procedura u sentenza CONCAS mhux biss kienet notifikata, izda kienet ukoll prezenti u assistita mill-Avukat Antonio Gallo. Dan jidher car mhux biss mill-informazzjoni supplita fil-MAE, izda huwa wkoll evidenzjat mis-sentenza innifisha u ribadit fl-e-mail iffirmata mid-Dottoressa Rossella Rossi. Fl-ahhar mill-ahhar is-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana bl-ebda mod ma ddisturbat dik is-sentenza; anzi billi cahdet ir-rikors ta' CONCAS dik is-sentenza saret awtomatikament ezegwibbli. Dan ifisser li l-Awtoritajiet Gudizzjarji Taljani ipprocedew ghall-hrug tal-MAE in bazi ghal dik***

***is-sentenza li hija legalment ezegwibbli u li meta inghatat CONCAS kienet prezenti ghaliha.***

***Izda anke jekk* dato ma non concesso *u biss* gratia argomenti *din il-Qorti kellha tilqa' l-istess pregudizzjali fis-sens li CONCAS kellha tkun ukoll prezenti ghas-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni, din il-Qorti jidrilha li mill-provi prodotti quddiemha, kemm mis-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni kif ukoll mill-informazzjoni supplita mid-Dottoressa Rossi jirrizulta li fl-istadju tal-Kassazzjoni CONCAS kienet rapprezentata mill-Avukat tal-fiducja taghha Antonio Gallo u li dan sahansitra tratta r-rikors in kassassjoni f'isimha. Dan jissodisfa l-vot tal-Artikolu 23(3) tal-Ordni.***

8. L-appellanta tikkoncedi fir-rikors tal-appell taghha quddiem din il-Qorti, illi hija kienet prezenti ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Venezia u ghalhekk ma hemmx htiega li din il-Qorti issa tinoltra in rigward. Il-punt kontenzjuz huwa li skond l-appellanta il-Qorti ta' Kassazzjoni kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell izda peress illi ma kienitx prezenti ghal-ghoti tas-sentenza tal-Kassazzjoni din ma ghandha l-ebda effett fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Venezia ghal fini tal-proceduri odjerni u li ghalhekk ghadha prezunta innocenti. L-appellanta ghalhekk tinsisti illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Venezia ma tistax titqies bhala s-sentenza finali ghal dawn il-proceduri u tghid illi ***Il-prosekuzzjoni b'mod konvenjentement qeghda targumenta li s-sentenza applikabbli hija tal-Qorti tal-Appell u mhux dik tal-*** **Kassazzjoni**;

9. Ezaminat dan l-argument, fil-verita, ma taghmel ebda differenza liema sentenza hija ezegwibbli, jigifieri dik tal-Qorti tal-Appell jew tal-Kassazzjoni. Dak li hu essenzjali hu jekk l-appellanta kienitx prezenti ghall-proceduri quddiem il-Kassazzjoni li bic-cahda tar-rikors tal-estradanta effettivament kienet konfermata s-sentenza tal-Appell. Mill-ottika tal-Ordni, l-appellanta titqies li kienet prezenti ghall-kull effetti fil-

ligi anke quddiem il-Qorti ta' Kassazzjoni kif ser jinghad. Fil-parti preliminari tas-sentenza tal-Qorti ta' Kassazzjoni hemm indikat illi l-Qorti semghet, fost ohrjan, lill-Antonio Gallo ghall-imputata Concas Donatella ( fol 2 tas-sentenza esebita a fol 130) liema avukat, fost ohrajn ghall-imputati ohra *hanno concluso riportandosi ai motivi di ricorso e chiedendone l-accoglimento*;

10. Issa, r-regolament 23(1)(b) tal-Avviz Legali 320 tal-2004, jipprovdi illi l-Qorti [Rimandanti] ghandha tiddeciedi jekk tezisitix xi wahda mic-cirkostanzi elenkati fis-subregolamenti li jsegwu. Wahda minn dawn il-kondizzjonijiet hi dik enumerata (b): "il-persuna mitluba, konxja mill-procedimenti skedati, kienet tat mandat lil konsulent legali, li kien jew appuntat mill-persuna koncernata jew mill-Istat, biex jiddefendiha fil-procedimenti, u kienet fil-fatt giet difiza minn dak il-konsulent fil-procedimenti". L-appellanta kienet difesa mill-istess avukat tul it-tlett istanzi. Wara s-sentenza mit-tieni istanza, l-avukat tal-appellanta ipprezenta rikors ghall-appell quddiem il-Qorti ta' Kassazzjoni fis-7 ta' Lulju 2014 kif attestat mill-firma tar-registratur tal-Qorti tal-Appell ta' Venezia (fol 115 ta' dawn l-atti processwali), liema konsulent ghamel ukoll sottomissjonijiet quddiem il-Kassazzjoni f'isem l-appellanta;

11. Fil-Mandat t'Arrest Ewropew mahrug mill-Procura Generali Della Repubblica presso la Corte d'Appelli di Venezia (Dokument D a fol 12 *et seq*), ghal-kwezit (d) jekk s-suggett interessat kienx deher personalment ghall-process li ntemm b'decizzjoni, kienet indikata s-segwenti twegiba: "*SI, l'interessato e ' comparso personalmente al processo terminato con la decisione:* ***imputata libera/difesa di fiducia: avvocato Antonio Gallo del foro di Siracusa***". L-MAE juri illi l-bazi tieghu huwa ordni tal-Procura Generali della Repubblica presso la Corte d'Appello di Venezia tal-25/05/2015 [igifieri ghaxart ijiem wara s-sentenza tal-Kassazzjoni] li tirreferi bhala s-sentenza ezegwibbli dik tal-Qorti tal-Appell ta' Venezia

tal-21/02/2014 reza definittiva fil-15/05/2015 [bis-sahha tas-sentenza tal-Qorti ta' Kassazzjoni];

12. Ghalhekk l-awtoritajiet gudizzjarji Taljani iqisu s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Venezia bhala dik esekuttiva. L-argument li l-appellanta ma kienitx prezenti ghall-proceduri quddiem il-Kassazzjoni, ergo ghal-fini tal-Ordni is-sentenza tal-Appell ghadha mhix esekuttiva, jista' jkun dibattibbli f'cirkostanzi ohra izda certament mhux fil-kwistjoni odjerna la darba stabbilit illi kienet fil-fatt prezenti tramite d-difensur ta' fiducja taghha;

13. L-appellanta targumenta illi l-prosekuzzjoni kellha tressaq dik il-prova li hija kienet verament tat mandat lill-avukat taghha sabiex jirraprezentaha fil-proceduri quddiem il-Qorti ta' Kassazzjoni. Fost ohrajn targumenta illi kien jispetta lill-prosekuzzjoni tesebixxi l-verbali tas-seduti tal-Qorti ta' Kassazzjoni u dan ghaliex altrimenti il-process ikun meqjus bhala wiehed amministrattiv u mhux gudizzjarju li jitlob li tingieb l-ahjar prova. Bid-dovut rigward, dan l-argument huwa wiehed frivolu. L-appellanta tikkontendi illi bid-decizzjoni taghha l-Qorti Rimandanti trattat it-talba ghat-treggieh lura bhala kwistjoni amministrattiva meta strahet fuq il-kweziti tal-MAE. Il-Qorti Rimandanti strahet fuq il-provvedimenti tal-ligi ravvizati fl-Ordni liema Ordni tezigi referenza ghall-MAE. Jekk bl-argument taghha, l-appellanti tistenna illi il-Prosekuzzjoni ghandha, apparti s-sentenzi esebiti, tipprovdi ukoll il-verbali tal-kawzi fl-Italja allura f'dawn ic-cirkostanzi hija zbaljata. Hi zbaljata ukoll meta tistenna lill-Prosekuzzjoni tipprova hi jew li qatt ma tat mandat lill-avukat taghha jew li kienet irtirat kwalunkwe mandat jew li l-avukat taghha rrapprezentaha minghajr awtorizzazzjoni taghha. L-ipotesi appena imsemmija jehtiegu prova minn min jallega u mhux bizzejjed li l-appellanti tallega per via ta' sottomissjoni da parti tal-avukat taghha illi li kieku kienet prezenti ghal-ghoti tas-sentenza mill-Qorti ta' Kassazzjoni ma kienitx tkun libera li titlaq u ssiefer lejn Malta. Ir-regolament 23 tal-Ordni jilqa' ghal dan kollu meta, bhal fil-kaz odjern,

jagħmilha ċara illi l-Qorti Rimandanti għandha tiddeċiedi jekk mill-mandat, iġifieri l-MAE, tirriżultax xi ċirkostanza msemmija fis-subregolamenti li jsegwu, fosthom li l-persuna mitluba tkun konxja tal-proċedimenti kontra tagħha bl-għoti ta' mandat lill-avukat tagħha;

14. L-appellanta targumenta illi l-proċeduri ġia huma ta' natura sempliċi u l-Qorti Rimandanti ma kellhiex tkompli tissimplifika aktar billi tistrieħ fuq il-fiduċja reċiproka bejn żewġ awtoritajiet ġudizzjarji. Din il-Qorti ma taqbel xejn mal-argument tal-appellanta illi l-Qorti Rimandanti interpretat l-liġi b'mod żbaljat billi trattat l-MAE bħala proċedura amministrattiva simplicistiku. Il-Qorti Rimandanti mxiet skrupolożament mal-provvedimenti tal-Ordni u ma hemm xejn li jindika, kif tinsisti l-appellanta, illi r-rekwiżiti tal-Ordni kienu trattati b'mod semplicistiku;

15. Għaldaqstant u għall-motivi premessi tiċħad l-appell u konsegwentement tikkonferma d-deċiżżjoni tal-Qorti Rimandanti li tibgħat lill-appellanta taħt kustodja għall-fini tat-treġġiegħ lura tagħha lejn l-Italja u wara li rat l-artikoli 16, 18 u 21 tal-Kapitolu 276 tal-liġijiet ta' Malta tipprefiġġi terminu ta' ħmistax-il jum mil-lum sabiex l-appellanta Donatella Concas tkun tista', jekk jidhrilha li xi waħda mid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) u (2) tal-artikolu 10 tal-Kapitolu 276 kien miksur jew li xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, kienet jew x'aktarx ser tkun miksura dwar il-persuna tagħha hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika ta' l-ordni ta' kustodja, tipproċedi għal rimedju skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea skond il-każ; u fl-istess waqt qed tgħarraf lill-appellanta b'dan il-jedd li hija għandha, kif ukoll tinfurmaha li skond l-Artikolu 21(2)(a) tal-Kapitolu 276 mhix ser titreġġa lura qabel ma jgħaddu ħmistax-il jum mil-lum; Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat minnufih mir-Reġistratur lill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja.